**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 28 ta` Gunju 2016**

**Kawza Nru. 1**
**Rik. Gur. Nru. 351/2012 JZM**

**Wilfred Longden (detentur tal-karta ta` l-identita` bin-numru 18460A)**

***kontra***

**Logserv Co. Ltd (bin-numru tar-registrazzjoni C49901)**

***u***

**l-bastiment M.V. Lebda**

**Il-Qorti :**

Fit-18 ta` Frar 2016, *Elhabib Alamin, fil-kwalita` tieghu ta` Charge` d`Affaires addett mal-Ambaxxata Libjana f`Malta, debitament rikonoxxuta mill-Gvern Malta kif ukoll bhala Kap tal-Missjoni Libja f`Malta, akkreditat lill-Ministru tal-affarijiet Barranin ta` Malta, skond id-disposizzjonijiet*

*relativi tal-Konvenzjoni ta` Vienna dwar ir-Relazzjonijiet Diplomatici u dan ghan-nom u in rappresentanza tal-Istat tal-Libja, karta ta` identita` diplomatika numru 01213* upprezenta rikors fejn talab lill-Qorti sabiex *tawtorizzah biex jintervjeni "in statu et terminis" fil-kawza fl-ismijiet premessi u dan biex ikun fi grad li jhares u jissalvagwardja l-interessi tal-Istat Libjan relattivament ghall-bastiment riferit u dan ghar-ragunijiet suesposti.*

Fit-18 ta` Frar 2016, il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-partijiet u tathom erbat ijiem zmien biex iwiegbu bil-miktub.

Fis-26 ta` Frar 2016, l-attur upprezenta risposta fejn *fis-sostanza* kkontesta t-talba tar-rikorrent.

Fid-29 ta` Frar 2016, is-socjeta` konvenuta Logserv Co Ltd ippresentat risposta fejn anke hija sostniet li t-talba tar-rikorrent ma kellhiex tkun milqugha.

Fit-22 ta` Marzu 2016, Av. Dr. Ann Fenech ippresentat risposta fejn wara li ghamlet riferenza ghall-inkariku taghha wiegbet kjarament illi dment illi d-drittijiet taghha ma jithallsux hija ma kenitx sejra tirrinunzja ghall-inkariku li kienet inghatat, nonostante dak rilevat mir-rikorrent fir-rikors tieghu.

Ir-rikors kien trattat fl-udjenza tat-12 ta` Mejju 2016 u thalla ghal provvediment fil-miftuh ghall-udjenza tal-lum.

Il-Qorti rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

L-istitut ta` l-intervent f`kawza *in statu et terminis* huwa regolat fil-ligi taghna bl-**<u>Art 960 tal-Kap 12</u>** li jiddisponi hekk :-

*"Kull min juri b`sodisfazzjoni tal-Qorti, li huwa ghandu interess f`kawza li tkun miexja bejn partijiet ohra, jista` fuq rikors, jigi mdahhal in statu et terminis, bhala parti fil-kawza, f`kull waqt taghha, sew fil-Qorti ta` l-*

*ewwel grad kemm fil-Qorti fi grad ta` Appell ; izda dan l-intervent fil-kawza ma jwaqqafx il-proceduri taghha".*

Mill-kontenut ta` din id-disposizzjoni, il-Qorti qeghda tissenjala tliet elementi partikolari :-

1) ir-rikorrent irid jipprova l-interess ;
2) ghas-sodisfazzjon tal-Qorti ;
3) li jkun ammess illi jidhol f`kawza li tkun miexja bejn partijiet ohra.

Dment li l-procediment ikun kawza, il-ligi ma taghmilx distinzjoni bejn tipi ta` kawzi sabiex issir talba ghal intervent *in statu et terminis.* Dak li certament il-ligi tesigi huwa li l-parti li taghmel it-talba jkollha **interess** li tintervjeni.

Il-**Mortara** fil-"*Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile*" – 1923 – Vol III – pag 256) ighid hekk –

*" … puo` trovarsi ad avere interesse nella lite sotto varii aspetti e perfino a poterne temere un gravame di fatto e indiretto, qualora il risultato finale di essa, pur non alternando la di lui situazione giuridica, minacciasse di rendere difficile il godimento delle utilita` che vi sono inerenti, od anche diminuirlo effettivamente, sovente la legge inesorabile del fatto compiuto e` piu` forte delle teorie astratte le quali proclamano la innocuita` della cosa giudicata inter alios"*

**Enrico Tullio Liebman** fil-pag 151 tal-"*Manuale di Dir. Proc. Civile*" – 1957 ighid hekk :-

*"La ragione pratica dell` istituto e` data dalla interdipendenza delle posizioni giuridiche e dei rapporti giuridici, sebbene i terzi non possono essere pregiudicati dalla sentenza pronunciata tra altri (res inter alios acta tertio neque nocent neque prodest) la loro posizione giuridica, o i rapporti giuridici di cui sono titolari, possono in vario modo subire delle conseguenze indirette dalla sentenza altrui, cio` che determina di un processo in cui non sono parti, o all`esito del medesimo".*

Fis-sentenza li ta l-Onor Imhallef Luigi Ganado meta kien qieghed jippresjedi din il-Qorti fil-kawza "**Stepton vs Spiteri**" li kienet deciza fit-23 ta` Novembru 1898, qal hekk –

*"E` stato ritenuto che, nel linguaggio della Procedura, e` terzo una persona materialmente estranea al giudizio fra altri pendente, e se viene chiaramente dimostrato che questo terzo ha un interesse qualunque, purche` sostanziale, sia personale che reale, e non derivativo nell`esito del giudizio che si agita fra altri, egli ha il diritto di intervenirvi, e puo` essere chiamato a prenderne parte …*

*"L`istituto dell`intervento in causa, sia volontario, sia coattivo, e` basato sulla speditezza e semplicita` dei giudizi, essendo giustamente ritenuto molto utile il decidere la questione in presenza di quelli che vi hanno interesse, sviluppandosi meglio, in tal modo, le rispettive ragioni dei contendenti, ed evitando cosi` molteplicita` di giudizi inutili e spese considerevoli ai medesimi".*

**Ikkunsidrat :**

Skont l-atti ta` din il-kawza :-

jirrizulta li fil-11 ta` Dicembru 2013, Av. Dr. Ann Fenechipprezentat rikors (fol 65) fejn *f`isem il-bastiment intimat M.V. Lebda li huwa propjeta` tas-socjeta` Al Qaari Fishing Company socjeta` li hija l-propjeta` ta` l-Istat tal-Libja* talbet biex tipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri ghall-bastiment. Mar-rikors ipprezentat tliet dokumenti ;

jirrizulta li fis-17 ta` Dicembru 2013, Dr Fenech *ghan-nom u in rappresentanza tal-bastiment Lebda* pprezentat seba` dokumenti ohra bhala prova tat-titolu tal-Istat Libjan ghall-bastiment konvenut (fol 71 et seq) ;

jirrizulta li fl-udjenza tad-19 ta` Mejju 2014, il-Qorti tat digriet fejn tat lill-bastiment konvenut il-fakolta` li jipprezenta risposta ulterjuri (fol 115 u 116) ;

jirrizulta li fis-6 ta` Gunju 2014, Dr Fenech *ghan-nom u in rappresentanza tal-bastiment M.V. Lebda* pprezentat risposta ulterjuri (fol 119 et seq) u kompliet tidher fl-udjenzi kollha tal-kawza.

Ghal din il-Qorti huwa evidenti illi l-interess tal-Istat Libjan fil-kawza tal-lum hareg mill-fatt illi l-Istat Libjan huwa s-sid ta` socjeta` li lilha jappartjeni l-M.V. Lebda li *in fin dei conti* jfisser li l-Istat Libjan huwa fil-fatt is-sid tal-M.V. Lebda li huwa konvenut fil-kawza tal-lum.

Illi ghalkemm il-Libja ghaddejja minn perijodu ta` inkwiet intern tali li wassal ghall-formazzjoni ta` aktar minn Gvern wiehed f`regjuni diversi tal-pajjiz, l-Istat Libjan jibqa` wiehed, u hekk ghadu meqjus fl-istituzzjonijiet internazzjonali, anke jekk *de facto* jidher li hemm aktar minn Gvern wiehed.

Dan kollu jfisser ghall-fini tal-kawza tal-lum illi r-rikorrent ma jistax ikun ammess jintervjeni fil-kawza *in statu et terminis* skont l-Art 960 tal-Kap 12, ghaliex ir-rekwizit ta` *kawza li tkun miexja bejn* ***<u>partijiet ohra</u>*** ma jirrizultax. Ladarba l-M.V. Lebda huwa propjeta` tal-Istat Libjan, u ladarba l-Istat Libjan diga` qieghed jippartecipa attivament fil-kawza permezz tal-Av. Fenech ghall-interess tal-M.V. Lebda, ma jaghmilx sens illi l-Istat Libjan permezz tar-rikorrent jitlob li jintervjeni fil-kawza meta diga` qieghed fil-kawza propju ghaliex l-M.V. Lebda huwa propjeta` tal-Istat Libjan.

Mhuwiex il-kompitu tal-Qorti li tistharreg id-digwid evidenti li nqala` bejn ir-rikorrent fil-kwalita` rappresentativa tieghu u Dr Fenech. Dik hija materja li trid tigi risolta minnhom band`ohra. Il-Qorti m`hijiex sejra tippermetti li dan id-disgwid intern fil-kamp tal-bastiment M.V. Lebda jtawwal il-kawza bla bzonn a skapitu u detriment tal-attur u tal-konvenuta, aktar u aktar fil-kaz tal-lum fejn l-bastiment M.V. Lebda mhux se jkun sprovvist minn difiza kif jixraq u kif trid il-ligi ghaliex Dr. Fenech diga` ddikjarat in atti illi ma rrinunzjatx ghall-patrocinju tal-bastiment.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad it-talba tar-rikorrent kif dedotta fir-rikors tieghu tat-18 ta` Frar 2016, spejjez ghar-rikorrenti.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**